



Kunsill Ewropew

Brussell, 15 ta' Diċembru 2016
(OR. en)

EUCO 34/16

CO EUR 10
CONCL 5

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (15 ta' Diċembru 2016) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

I. MIGRAZZJONI

Dimensjoni esterna

1. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru dwar ir-rotta tal-Mediterran tal-Lvant. Huwa jtenni l-impenn tiegħu favur id-Dikjarazzjoni UE-Turkija u jissottolinja l-importanza ta' implimentazzjoni sħiħa u nondiskriminatorja tal-aspetti kollha. Huwa jgħed ukoll l-impenn tiegħu li jkompli jappoġġa lill-pajjiżi tul ir-rotta tal-Balkani tal-Punent. Huwa japprova l-Pjan ta' Azzjoni Konġunt dwar l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija elaborat bejn il-Greċja u l-Kummissjoni u jilqa' l-fatt li l-Greċja diġà ħadet l-ewwel passi lejn l-implimentazzjoni tiegħu. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Istati Membri kollha biex jiżguraw implimentazzjoni rapida tal-Pjan ta' Azzjoni Konġunt.
2. Il-Qafas ta' Sħubija l-ġdid ta' kooperazzjoni huwa għodda importanti biex jiġu indirizzati l-migrazzjoni illegali u l-kawżi ewlenin tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tar-rotta tal-Mediterran Ċentrali. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress fl-implimentazzjoni tal-patti ma' ħames pajjiżi Afrikani ta' oriġini jew ta' transitu u s-sjieda li qed tiżdied fil-pajjiżi sħab. Fid-dawl ta' din l-esperjenza, jistgħu jiġu previsti patti addizzjonali jew forum oħra ta' kooperazzjoni, b'kont meħud tar-riżorsi disponibbli. L-oġettivi tal-Qafas ta' Sħubija stabbiliti mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju li għadda għandhom jiġu integrati fi strumenti u politiki esterni oħrajn tal-UE u l-Istati Membri tagħha. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Istati Membri biex ikomplu u jintensifikaw l-impenn tagħhom taħt il-Qafas ta' Sħubija u ser isegwi mill-qrib il-progress fit-trażżin tal-flussi u t-titjib tar-rati ta' ritorn.
3. Sabiex tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Belt Valletta u tal-Qafas ta' Sħubija, il-qbil milħuq fil-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli u dwar il-Mandat ta' Self Estern tal-BEI għandu jiġi segwit bl-adozzjoni rapida tal-leġislazzjoni rilevanti. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-fatt li l-BEI beda jimplementa l-Inizjattiva ta' Reżiljenza tiegħu għall-Balkani tal-Punent u għall-Viċinat tan-Nofsinhar.

4. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-hteġa li jissaħħa l-appoġġ għall-gwardja tal-kosta Libjana, inkluż permezz ta' EUNAVFOR MED operazzjoni Sophia sabiex tiżdied il-kapaċità tagħha biex tipprevjeni t-telf ta' ħajjiet fil-baħar u biex jisfaxxa l-mudell kummerċjali tal-faċilitaturi ta' dħul klandestin. B'mod parallel, jenħtieġ li jittieħdu inizjattivi biex jiġu offruti opportunitajiet ta' ritorn volontarju assistit lill-migranti maqbudin fil-Libja u jitnaqqsu l-vjaġġi perikolużi.
5. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fl-importanza li jitqiegħdu riżorsi adegwati għad-dispożizzjoni tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO) u l-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta. Huwa jilqa' l-fatt li l-EASO ser jibda jirrekluta persunal iddedikat biex jiżgura li jkun hemm kapaċità stabbli u sostenibbli. Huwa jtenni wkoll il-hteġa li wieħed jibqa' vigilant fuq rotot oħra, inkluż fil-Mediterran tal-Punent, sabiex ikun jista' jirreaġixxi malajr għall-iżviluppi.

Dimensjoni interna

6. L-applikazzjoni effettiva tal-prinċipji ta' responsabbiltà u solidarjetà tibqa' objettiv komuni. L-isforzi kontinwi matul dawn l-aħħar xhur għar-rieżami tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil indikaw xi oqsma ta' konverġenza, filwaqt li oqsma oħrajn jirrikjedu aktar ħidma. Filwaqt li jibni fuq din il-ħidma, il-Kunsill huwa mistieden ikompli l-proċess bl-għan li, matul il-Presidenza li jmiss, jikseb il-kunsens dwar il-politika tal-asil tal-UE.
7. L-Istati Membri għandhom jintensifikaw aktar l-isforzi tagħhom biex jaċċelleraw ir-rilokazzjoni, b'mod partikolari għal minorenni mhux akkumpanjati, u l-iskemi eżistenti ta' risistemazzjoni.¹

¹ Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tal-Ungerija u tas-Slovakkja, kif tinsab fil-proċedimenti tal-Qorti li nbdew b'rabta mad-Deċizzjoni tal-Kunsill Nru 2015/1601, u għall-pożizzjoni tal-Polonja, li intervjeniet b'appoġġ għar-rikorrenti.

II. SIGURTÀ

Sigurtà interna

8. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu favur l-implimentazzjoni tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għall-Unjoni Ewropea 2015-2020. Il-qbil politiku bejn il-koleġislaturi rigward id-Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu huwa pass importanti u għandu jiġi segwit bl-adozzjoni rapida tal-proposta dwar l-armi tan-nar u l-proposta kontra l-ħasil tal-flus u bl-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni ġdida dwar ir-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR). Il-Kunsill Ewropew jappella għal kooperazzjoni effettiva ma' fornituri ta' servizzi elettroniċi bbażati kemm ġewwa kif ukoll barra l-UE.
9. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-qbil dwar il-Kodiċi rivedut tal-Fruntieri ta' Schengen li jinforza l-kontrolli sistematiċi fuq il-vjaġġaturi kollha li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-UE u jappella biex dan jiġi implimentat malajr mill-Istati Membri, filwaqt li jitqiesu s-sitwazzjonijiet speċifiċi ta' wħud mill-Istati Membri. Il-koleġislaturi għandhom jaqblu sa Ġunju 2017 dwar is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ u sal-aħħar tal-2017 dwar Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar biex jiġi żgurat li l-vjaġġaturi eżenti mill-viża jiġu skrinjati b'mod sistematiku. Huwa jappella wkoll li jibqgħu jinkisbu riżultati b'rabta mal-interoperabbiltà ta' sistemi ta' informazzjoni u bażijiet ta' data.

Sigurtà esterna u difiża

10. L-Ewropej għandhom jieħdu aktar responsabbiltà għas-sigurtà tagħhom. Sabiex jissaħħu s-sigurtà u d-difiża tal-Ewropa f'ambjent ġeopolitiku mimli sfidi u biex jitħarsu aħjar iċ-ċittadini tagħha, filwaqt li jiġu kkonfermati l-impenji preċedenti f'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-ħtieġa li jsir aktar, inkluż billi jiġu ddedikati biżżejjed riżorsi addizzjonali, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi nazzjonali u l-impenji legali. Għall-Istati Membri li huma wkoll membri tan-NATO, dan huwa f'konformità mal-linji gwida tan-NATO dwar in-nefqa għad-difiża. Il-Kunsill Ewropew jappella wkoll għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet meħtieġa kif ukoll għall-impenn biex dawn il-kapaċitajiet ikunu disponibbli meta jkun meħtieġ. Jenħtieġ li l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jkunu kapaċi jikkontribwixxu b'mod deċiżiv għal sforzi kollettivi, kif ukoll li jaġixxu b'mod awtonomu meta u fejn meħtieġ u flimkien ma' sħab kull fejn hu possibbli. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess reviżjoni komprensiva tal-mekkaniżmu Athena, sal-aħħar tal-2017.

11. Il-Kunsill Ewropew japprova l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru u s-17 ta' Ottubru 2016 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tal-UE fil-qasam tas-Sigurtà u d-Difiża, li tistabbilixxi l-livell ta' ambizzjoni tal-UE. Huwa jappella għal segwitu komprensiv tagħhom mir-Rappreżentant Għoli u l-Istati Membri. B'mod partikolari, b'żieda mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill, ir-Rappreżentant Għoli ser tippreżenta proposti fix-xhur li ġejjin fir-rigward tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet ċivili, il-parametri tar-Rieżami Annwali Kkoordinat dwar id-Difiża li jkun immexxi mill-Istati Membri, il-proċess tal-iżvilupp ta' kapaċitajiet militari b'kont meħud tar-Riċerka u t-Teknoloġija (R&T) u l-aspetti industrijali, l-istabbiliment ta' kapaċità operazzjonali permanenti ta' ppjanar u twettiq fil-livell strateġiku, it-tisħiħ tar-rilevanza, l-użu u l-iskjerament tas-sett ta' għodod għar-reazzjoni rapida tal-UE, l-elementi u l-opzjonijiet għal Kooperazzjoni Strutturata Permanenti inklużiva abbażi ta' approċċ modulari u d-deskrizzjoni ta' proġetti potenzjali, u l-kopertura tar-r-reqwiżiti kollha tat-Tisħiħ tal-Kapaċitajiet għas-Sigurtà u l-Iżvilupp (CBSD). F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jappella lill-koleġislaturi biex jaħdmu b'pass mgħaġġel fuq il-proposta tal-Kummissjoni dwar is-CBSD bil-ħsieb li jintlaħaq qbil fl-ewwel nofs tal-2017.
12. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni rigward il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża u l-kontribut tagħha għall-iżvilupp ta' politika Ewropea ta' sigurtà u difiża, u jenfasizza l-importanza li l-Istati Membri jiġu involuti b'mod sħiħ, u jappella lill-atturi rilevanti kollha biex imexxu l-ħidma 'l quddiem. Il-Kunsill huwa mistieden jeżamina malajr il-proposti tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward. Il-BEI huwa mistieden jeżamina l-passi bil-ħsieb li jappoġġa l-investimenti favur ir-riċerka fid-difiża u l-attivitajiet ta' żvilupp. Il-Kummissjoni hija wkoll mistiedna tippreżenta proposti fl-ewwel semestru tal-2017 għall-istabbiliment ta' Fond Ewropew għad-Difiża inkluż opportunità ta' iżvilupp konġunt ta' kapaċitajiet komunement miftiehma mill-Istati Membri.
13. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ azzjoni rapida biex jingħata segwitu għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2016 li jimplementaw id-Dikjarazzjoni Konġunta ffirmata f'Varsavja mill-mexxejja tal-UE u tan-NATO, sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni u tiġi żgurata l-komplementarjetà bejn l-UE u n-NATO, fir-rigward tat-theddid ibridu, il-kwistjonijiet marittimi, iċ-ċibersigurtà, il-komunikazzjoni strateġika, il-kapaċitajiet ta' difiża, l-industrija u r-riċerka fil-qasam tad-difiża, l-eżerċizzji u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża.

14. Il-Kunsill Ewropew jappella biex il-ħidma marbuta mas-sigurtà esterna u d-difiża titmexxa 'l quddiem b'urġenza u jitlob lill-Kunsill biex jirrapporta lura f'Marzu sabiex il-Kunsill Ewropew ikun jista' jevalwa l-progress. Huwa ser jipprovdi gwida strateġika ulterjuri f'Ġunju.
15. Il-Kunsill Ewropew ser iżomm fuq l-aġenda l-kwistjonijiet relatati mas-sigurtà u d-difiża, bl-għan li jivvaluta regolarment il-progress u jiddetermina, abbażi ta' dan, il-prijoritajiet strateġiċi u politiċi xierqa.

III. ŻVILUPP EKONOMIKU U SOĊJALI, ŻGĦAŻAGĦ

16. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-qbil milħuq fil-Kunsill dwar l-estensjoni tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS), li għandu jiġi adottat mill-koleġislaturi fl-ewwel nofs tal-2017. Huwa jinnota wkoll li l-Kunsill issa jinsab lest biex jidħol f'negozjati mal-Parlament Ewropew dwar il-modernizzazzjoni tal-Istrumenti għad-Difiża tal-Kummerċ.
17. Huwa jtenni l-importanza tad-diversi strateġiji tas-Suq Uniku u l-Unjoni tal-Enerġija, li għandhom jitlestew u jiġu implimentati sal-2018. Sa dak iż-żmien, jenħteġ li ċerti kwistjonijiet ewlenin jiġu riżolti.² Huwa jilqa' l-progress li sar s'issa u jħeġġeġ lill-Istituzzjonijiet kollha biex jibnu fuq dan il-momentum u jgħollu aktar il-livell ta' ambizzjoni, partikolarment fl-oqsma vitali tas-servizzi u s-Suq Uniku Diġitali, qabel il-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2017. Huwa jappella biex jitneħħew l-ostakli li fadal fis-Suq Uniku, inkluż dawk li jfixxlu l-fluss liberu tad-data.
18. Il-Kunsill Ewropew jappella biex titkompla l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u jilqa' appoġġ akbar għall-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ. Huwa jappella wkoll biex titmexxa 'l quddiem il-ħidma fuq l-inizjattivi reċenti tal-Kummissjoni ddedikati għaż-żgħażaġh, inkluż dawk dwar il-mobbiltà, l-edukazzjoni, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.
19. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jevalwaw l-impatt tal-integrazzjoni tal-politika industrijali fl-inizjattivi strateġiċi tal-UE u biex jikkunsidraw azzjoni konkreta biex tissaħħaħ u tiġi mmodernizzata l-bażi industrijali tas-Suq Uniku.

² Għall-Polonja, dan ifisser fost l-oħrajn il-libertà li tiddetermina t-taħlita tal-enerġija tagħha u li tiżgura s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija.

20. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-hteġa li tiġi kkompletata l-Unjoni Bankarja f'termini ta' tnaqqis u kondivizzjoni tar-riskji fis-settur finanzjarju, fl-ordni xierqa, kif stabbilit fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2016 dwar pjan direzzjonali għal dan il-għan. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kunsill biex jeżamina malajr il-proposti reċenti tal-Kummissjoni biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur finanzjarju.

IV. ĊIPRU

21. Wara preżentazzjoni mill-President tar-Repubblika ta' Ċipru b'rabta man-negozjati dwar ir-Risoluzzjoni ta' Ċipru, il-Kunsill Ewropew tenna l-appoġġ tiegħu għall-proċess li għaddej bħalissa għar-riunifikazzjoni ta' Ċipru. L-UE, filwaqt li tqis li Ċipru huwa u ser jibqa' membru tal-Unjoni tagħna wara r-Risoluzzjoni, tinsab lesta li tiegħu sehem fil-Konferenza ta' Ġinevra dwar Ċipru fit-12 ta' Jannar 2017.

V. RELAZZJONIJIET ESTERNI

Ukrajna

22. Il-Kunsill Ewropew jikkonferma mill-ġdid l-impenn tiegħu favur id-dritt internazzjonali u l-integrità territorjali tal-Ukrajna kif ukoll il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna, inkluż l-istabbiliment ta' Żona ta' Kummerċ Ħieles Profonda u Komprensiva. L-għan tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni huwa li jappoġġaw lill-pajjiżi sħab fi triqthom biex isiru demokraziji stabbli u prosperi, u li jirriflettu l-importanza strateġika u ġeopolitika li l-Unjoni Ewropea tagħti lill-kuntest reġjonali. Għaldaqstant, it-tlestija tal-proċess ta' ratifika tibqa' għan essenzjali tal-UE.
23. Wara li ħa nota bir-reqqa tar-riżultat tar-referendum Netherlandiż tas-6 ta' April 2016 dwar l-abbozz ta' liġi li tapprova l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u t-tħassib espress qabel ir-referendum kif imwassal mill-Prim Ministru Netherlandiż, il-Kunsill Ewropew jieħu nota ta' Deċiżjoni tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tat-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fil-Kunsill Ewropew (Anness), li tindirizza dan it-tħassib f'konformità sħiħa mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u t-trattati tal-UE.

24. Il-Kunsill Ewropew jinnotta li d-Deċiżjoni stabbilita fl-Anness hija legalment vinkolanti għat-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, u tista' tiġi emendata jew imħassra biss bi qbil komuni mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tagħhom. Din għandha ssir effettiva ladarba r-Renju tan-Netherlands jirratifika l-ftehim u l-Unjoni tkun ikkonkludietu. Jekk dan ma jkunx il-każ, id-Deċiżjoni ma tibqax teżisti.
25. Il-Kunsill Ewropew jilqa' r-riżultati tas-Summit bejn l-UE u l-Ukrajna fl-24 ta' Novembru 2016 u jenfasizza d-determinazzjoni kontinwa tal-Unjoni biex tapprofondixxi u ssaħħaħ ir-relazzjoni tagħha mal-Ukrajna, minkejja l-isfidi attwali. Huwa jirrikonoxxi l-kisbiet tal-Ukrajna fl-implimentazzjoni tar-riformi biex jintlaħqu l-istandards Ewropej u l-fatt li hija ssodisfat il-kondizzjonijiet għal reġim mingħajr viżi mal-Unjoni. Wara l-adozzjoni ta' mekkaniżmu ta' sospensjoni b'saħħtu, il-koleġislaturi huma mistiedna jlestu l-proċedura li twassal għat-tneħħija tal-obbligi ta' viża għall-Ukrajna u l-Georgia.

Sirja

26. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-attakki kontinwi fuq Aleppo mir-reġim Sirjan u l-alleati tiegħu, partikolarment ir-Russja u l-Iran, inkluż l-immirar intenzjonat ta' persuni ċivili u sptarijiet. Il-Kunsill Ewropew jagħmel appell urġenti lir-reġim u lir-Russja, kif ukoll lill-partijiet kollha fil-kunflitt Sirjan biex jimplimentaw b'mod immedjat l-erba' miżuri ta' emerġenza li ġejjin:
- a) l-evakwazzjoni b'kont meħud tas-sigurtà u d-dinjità tal-abitanti tal-parti tal-Lvant ta' Aleppo taħt is-sorveljanza u l-koordinazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, lejn id-destinazzjoni tal-għażla tagħhom. Jenħtieġ li l-membri tal-protezzjoni ċivili u tal-amministrazzjoni ċivili jiġu wkoll evakwati mingħajr xkiel taħt is-sorveljanza tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-persuni l-aktar midruba gravi għandhom jiġu evakwati l-ewwel;
 - b) għajjnuna u protezzjoni immedjati u mingħajr kondizzjoni għall-abitanti kollha tal-parti tal-Lvant ta' Aleppo, mingħajr diskriminazzjoni u f'konformità mad-dritt umanitarju internazzjoni, filwaqt li jiġi ggarantit aċċess totali fuq il-post u mingħajr xkiel lin-Nazzjonijiet Uniti u lis-sħab tagħha għall-forniment tal-bżonnijiet essenzjali u tal-kura medika urġenti, kif previst fir-Riżoluzzjoni 2258 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, għas-Sirja kollha;

- c) protezzjoni ġenwina għall-persunal u l-faċilitajiet mediċi kollha fil-pajjiż kollu, f'konformità mar-Riżoluzzjoni 2286 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u b'mod partikolari għall-isptarijiet fil-fruntieri ta' Atmeh, Darkoush, Bab Al Hawa u Bab Al Salamah;
- d) jenħtieġ li d-dritt umanitarju internazzjonali jiġi applikat fil-parti tal-Lvant ta' Aleppo iżda wkoll fil-pajjiż kollu u b'mod partikolari f'dawk iż-żoni kollha fejn ġew assedjati persuni ċivili.

L-UE, b'ħala l-ewwel fornitur ta' appoġġ umanitarju għall-popolazzjoni Sirjana, ser tkompli taħdem biex jinkisbu dawn l-għanijiet.

27. Jenħtieġ li l-ostilitajiet fis-Sirja jieqfu immedjatement. L-UE ser taħdem b'mod kostruttiv mas-sħab kollha, taħt l-awspiċċi tan-NU, għal transizzjoni kif miftiehem fir-Riżoluzzjoni 2254 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti. Għal dan il-għan, il-Kunsill Ewropew jistieden lir-Rappreżentant Għoli biex tkompli bl-impenn dirett attwali tagħha mas-sħab rilevanti kollha. Dawk responsabbli għal ksur tad-dritt internazzjonali, li parti minnu jista' jikkostitwixxi delitti tal-gwerra, għandhom iwieġbu għal għemilhom. L-UE qed tikkunsidra l-opzjonijiet kollha disponibbli. L-UE ser tippovdi appoġġ għar-rikostruzzjoni tas-Sirja biss ladarba tkun qed issir transizzjoni politika kredibbli b'mod deċiżiv.

Deċiżjoni tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tat-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill Ewropew, dwar il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra

Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tat-28 Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, li l-gvernijiet tagħhom huma firmatarji tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"),

Filwaqt li jieħdu nota tar-riżultat tar-referendum tan-Netherlands tas-6 ta' April 2016 dwar il-liġi li tapprova l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna u t-tħassib li tqajjem qabel ir-referendum kif ikkomunikat mill-Prim Ministru tar-Renju tan-Netherlands,

Filwaqt li jixtiequ jindirizzaw dawk il-punti ta' tħassib f'konformità sħiħa mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Ukrajna u t-trattati tal-UE, u skont il-mira tal-UE li tapprofondixxi r-relazzjonijiet mal-Ukrajna,

Wara li kkunsidraw il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2016,

Iddeċidew li jadottaw li ġej, bħala l-fehim komuni tagħhom, li għandu jsir effettiv ladarba r-Renju tan-Netherlands ikun rratifika l-Ftehim u l-Unjoni Ewropea tkun ikkonkludietu:

A

Filwaqt li għandu l-għan li jistabbilixxi relazzjoni deġġiema u mill-qrib bejn il-partijiet għall-Ftehim abbażi ta' valuri komuni, il-Ftehim la jagħti lill-Ukrajna l-istatus ta' pajjiż kandidat għall-adeżjoni mal-Unjoni, u lanqas ma jikkostitwixxi impenn li dan l-istatus jingħata lill-Ukrajna fil-futur.

B

Il-Ftehim jirriafferma l-kooperazzjoni mal-Ukrajna fl-oqsma tas-sigurtà, partikolarment fir-rigward tal-prevenzjoni tal-kunflitti, l-immaniġġar tal-kriżijiet u n-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva. Dan ma jinkludix obbligu għall-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha li jipprovdu garanziji ta' sigurtà kollettiva jew għajnuna jew assistenza militari oħra lill-Ukrajna.

C

Filwaqt li jistabbilixxi l-oġettiv li titjieb il-mobilità taċ-ċittadini, il-Ftehim ma jagħtix liċ-ċittadini Ukreni jew tal-Unjoni, rispettivament, id-dritt li jirrisjedu u jaħdmu liberament fi ħdan it-territorju tal-Istati Membri jew tal-Ukrajna. Il-Ftehim ma jaffettwax id-dritt tal-Istati Membri li jiddeterminaw il-volumi ta' ammissjoni ta' ċittadini Ukreni fit-territorju tagħhom sabiex ifittxu xogħol, kemm bħala impjegati kif ukoll għal rashom.

D

Il-Ftehim itenni l-impenn tal-Unjoni li tappoġġa l-proċess ta' riforma fl-Ukrajna. Il-Ftehim ma jirrikjedix appoġġ finanzjarju addizzjonali mill-Istati Membri lill-Ukrajna, u lanqas ma jbidel id-dritt esklużiv ta' kull Stat Membru li jiddetermina n-natura u l-volumi tal-appoġġ finanzjarju bilaterali tiegħu.

E

Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni hija kruċjali biex titjieb ir-relazzjoni bejn il-Partijiet għall-Ftehim. Skont il-Ftehim, il-Partijiet ser jikkooperaw fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-prevenzjoni tagħha kemm fis-settur privat kif ukoll dak pubbliku. Il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet relatata mal-istat tad-dritt hija mmirata b'mod partikolari għat-tisħiħ tal-ġudikatura, it-titjib tal-effiċjenza tagħha, is-salvagwardja tal-indipendenza u l-imparzjalità tagħha, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

F

Ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u r-rispett għall-prinċipju tal-istat tad-dritt, inkluż kif imsemmi taħt punt E, huma elementi essenzjali għall-Ftehim. Il-Partijiet huma meħtieġa jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim u l-implimentazzjoni u l-infurzar tiegħu ser jiġu sorveljati. F'konformità mal-Artikolu 478 tal-Ftehim, kull Parti tista' tiegħu miżuri xierqa f'każ li ma jiġux issodisfati l-obbligi. Fl-għażla ta' miżuri xierqa, ser tingħata prijorità lil dawk li l-inqas ifixxlu l-funzjonament tal-Ftehim. Bħala l-aħħar soluzzjoni, dawn il-miżuri jistgħu jinkludu s-sospensjoni ta' kwalunkwe dritt jew obbligu previst skont id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim.
